# 29. Il-Bagħdan

B'dufrejh suwed fit-tarf ta' saqajh sofor
miftuħa lkoll, b'għajnejh iżebbġu suwed,
b'munqaru mberraq, nieżel minn ġo sħaba
għal fuq il-vittma.

Meta tarah jagħżel il-vittma tiegħu
minn nofs mil bogħod qalb il-ħaxix u l-ġebel,
u jinżel itertaqha donnok tibża'
minnu u tobogħdu.

Iżda meta ssir taf li l-vittma tiegħu
hi xi ġurdien li jeqred wiċċ ir-raba',
jew x'annimal marid bil-mard li jniġġes,
jew bhima mejta,

Tibda ġo qalbek tħobbu, għax ħidmietu
ħidma ta' fejda, sew bħall-pulizija
li jgħasses fuq il-mard u jżomm is-saħħa
qalb il-miġemgħa.

U jekk xi darba jagħti s-salt u jaħtaf
xi par beċċun, m'għandux il-bidwi jgerger,
għax wara kollox minn tant ġid imissu
xi ħaġa wkoll.